MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 698/2004

**Mira Motor Sales Limited u Mira Holdings Limited**

**Vs**

**John Mary Bugeja**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Billi permezz ta' ftehim datat hmistax (15) ta' Ottubru 2001, hawn anness u markat bhala Dokument "A", is-socjeta’ attrici Mira Motor Sales Limited bieghet lill-konvenut vettura Trooper bin-numru ta' registrazzjoni JBC 111 versu l-prezz ta' sittax-il elf u erba' mitt lira Maltin (Lm16,400), minn liema ammont il-konvenut hallas mal-

iffirmar tal-imsemmi ftehim is-somma ta' sitt elef u erba' mitt lira Maltin (Lm6,400) u dwar ir-rimanenti bilanc ta' ghaxart elf lira Maltin (Lm10,000) oltre' l-imghaxijiet relattivi li sal-lum jammontaw ghal elf disa' mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,954.62c), il-kontendenti qablu li dan kellu jithallas permezz ta' pagamenti rateali mensili skond kif jirrizulta mill-istess Dokument "A".

U billi s-socjeta’ l-ohra attrici Mira Holdings Limited in segwitu ghal dan il-bejgh anke' harget kambjali li gew accettati mill-konvenut, li hmistax minnhom skadew u ma gewx onorati u ghadhom sal-lum ma gewx imhallsa mill-konvenut lis-socjeta’ attrici, u ohrajn li sal-lum ghadhom ma skadewx, u dan skond ma jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dokument "B".

U billi minn dawn l-ammonti kollha ndikati l-konvenut hallas biss is-somma ta' tlett elef disa' mija u erbatax-il lira Maltin (Lm3,914).

U billi skond il-ftehim markat bhala Dokument "A" u partikolarment skond il-klawsola numru 9 tal-istess ftehim, il-konvenut tilef il-beneficcju tal-hlas bit-terminu u b'hekk l-ammont kollu gie dovut.

U billi l-konvenut ghalhekk ghandu jhallas lis-socjetajiet attrici s-somma komplessiva li tammonta ghal tmint elef u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin
centezmu (Lm8,040.62c) u dan skond ma jirrizulta mill-prospett li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'C'.

U billi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex ihallas izda baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundannah ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' tmint elef u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm8,040.62c) dovuta kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Mejju, 2004 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjetajiet attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;
Billi mill-ammisjoni tall-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjetajiet attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------